MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2015

Numru. 72/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Daniel Zammit**

**VS**

**Shone Agius detentur tal-karta tal-identita' numru 123673M;**

## Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Shone Agius** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-23 ta’ Novembru, 2005 ghall-habta ta’ 1445hrs ta’ wara nofsinhar, gewwa Triq Mrabat, Sliema, seraq bagalja minn gewwa l-vettura AAI389 ghad-dannu ta’ Dr Islam Wali, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai termini tal-Artikolu 261(g) u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, xjentement xtara jew laqa’ ghandu oggetti misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U fl-ahharnett talli sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel, kif ukoll talli kkommetta reat fil-perjodu opeattiv ta’ sentenza sospiza.

Rat illi din il-kawza damet snin biex fil-fatt inqrat, gialadarba minn Jannar tas-sena 2007 sa Lulju tas-sena 2012, ma deher qatt l-imputat u fil-maggor parti lanqas l-Ufficjal Prosekutur, fid-data l-ahhar indikata l-Qorti giet infurmata li fil-fatt l-imputat kien jinsab gewwa programm. Gie anke mqabbad Avukat tal-Ghajnuna Legali.

Jirrizulta li fl-ahhar, wara snin, dehru kemm l-Ufficjal Prosekutur kif ukoll l-imputat, u hawn inqrat l-akkuza, sar l-interrogatorju, u hawn l-imputat ghazel illi jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu.

L-imputat hawn kien assistit, gie moghti z-zmien jahseb fuq l-ammissjoni tieghu, tant illi ghazel li jikkonferma l-istess ammissjoni, u anke gie mitlub li jigi redatt Pre-Sentencing Report. Din it-talba giet debitament akkolta minn din il-Qorti.

Xehed ukoll l-**<u>Ispettur Daniel Zammit</u>** li ta evidenza dwar is-serqa, cioe' r-reat in dezamina, rizultanti mill-investigazzjonijiet tieghu.
Ezebixxa wkoll CCTV footage ta' din is-serqa. Xehed illi jingharaf l-imputat jisraq il-bagalja li skondtu kellha fil-kontenut valur li ma kinx jaqbez l-elf Lira Maltin (Lm1,000.00), u mhux inqas minn mitt Lira Maltin (Lm100.00). Zied illi l-vettura misruqa ma kellha ebda hsarat. Ezebixxa wkoll is-sentenza li ppuniet lil Shone Agius ghal sentejn (2) habs sospizi ghal erba' (4) snin. Rat li din kienet datata 24 ta' Jannar, 2002.

Ezebixxa wkoll l-istqarrija tal-imputat bhala Dok C a folio 52, li turi li l-imputat ammetta l-involviment tieghu f'din is-serqa.

Rat li regghu ghaddew snin sakemm rega' deher l-imputat, tant illi meta rega' gara dan, l-Ufficjal tal-Probation talbet anke biex taggorna l-istess rapport minnha redatt, talba li wkoll giet akkordata minn din il-Qorti.

Gie prezentat dan, fejn l-istess **<u>Ufficjal tal-Probation</u>** ikkonkludiet illi:

"*Gewwa l-Habs Shone jidher li qieghed ikollu mgiba pozittiva. Fil-fatt jirrizulta li huwa qieghed jinvolvi ruhu f'xi xoghol gewwa l-habs, ghalkemm irid jinghad li skont Shone huwa limitat dwar x'tip ta' xoghol jista' jaghmel minhabba sahhtu. Il-limitazzjoni minhabba s-sahha taffettwa wkoll il-*

*possibilita' li Shone isib impjieg ghal wara li jkun skonta s-sentenza ta' prigunerija. Fil-fatt huwa ghandu l-hsieb li jibda l-proceduri sabiex jibda jinghata l-beneficcju tal-mard minflok isib impjieg. Minkejja dan, irid jinghad ukoll illi anke qabel ma marad Shone kien ukoll isibha difficli li jsib impjieg.*

*Fiinalment, fid-dawl tal-informazzjoni migbura jidher li Shone ghamel progress fir-rigward tal-problema tad-droga ghaliex mit-testijiet tal-urina jirrizulta li dawn qed ikunu negattivi ghal sustanzi lleciti. Barra minn hekk, ma jirrizultax li Shone rega' kkommetta reat iehor mill-2011 'l hawn. Biss, ghal fini ta' rakkomandazzjoni, wiehed ma jistax jinjora l-fatt illi r-reat twettaq waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza kif ukoll il-fatt li huwa rrenda ruhu recediv, b'hekk qed tigi ssugerita piena ta' prigunerija fil-minimu. B'dan il-mod l-imputat waqt li jikkonsolida l-progress li ghamel, ikompli jahdem fuq il-problema tad-droga u ta' imgieba f'ambjent ikkontrollat.*"

Irrakkomandat wkoll kif jidher mir-rapport, illi huwa kellu jinghata sentenza karcerarja.

Rat illi fl-ahhar seduta l-imputat xorta rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi frankament din il-Qorti m'ghandha ebda xelta hlief li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, u dan wara li rat l-Artikolu 261, 271, 279, u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-Artikolu 28A u 28B tal-Kapitolu 9 imsemmi, u qieghda fl-ewwel lok tattiva s-sentenza sospiza, cioe' dik ta' sentejn (2) prigunerija, u fuq l-akkuzi tal-lum, li issa nstab hati taghhom, qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta' hdax(11)-il xahar, u dan anke wara li rat l-Artikolu 20 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tilliberah mill-effetti addebitati taht l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu dan huwa wiehed alternattiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------